MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 62/2002/1

**Kawża Nru: 10**

**Ċitaz Nru: 62/02 JA.**

**Sergio Manara, f'ismu personali kif ukoll in rappreżentanza ta' l-assenti: (a) Alex Manara, (b) Thelma Maria Barton, (c) Raymond Manara u (d) Alexander Manara; Fiorella Grima, Marco Manara, John Cilia La Corte, Diana Gatt u David Tonna.**

**-vs-**

**Joseph Bonello, Peter Bonello u Brian Bonello.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-22 ta' Jannar, 2002 li permezz tagħha l-atturi esponew bir-rispett:

Illi l-atturi flimkien ma' oħrajn huma l-proprjetarji ta' territorju magħruf bħala *Xagħra tal-Għattuka*, Binġemma limiti Rabat, tal-kejl ta' ċirka erbgħa u sittin tomna (T64) kif murija fuq l-anness pjanta Dok. "A";
Illi għalkemm l-atturi għadhom kif ottjenew sentenza ta' żgumbrament kontra Vincent Said li kien jużaha għall-kaċċa u insib, konfermata fl-Appell b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 2001 dan l-aħħar skoprew li l-istess Vincent Said kien mingħajr il-permess ta' l-atturi u bil-moħbi tagħhom ta permess lill-konvenuti biex jużaw l-istes xagħra għall-kaċċa u insib;

Illi wara s-sentenza ta' l-appell fil-konfront ta' Vincent Said l-atturi kienu nkarigaw lil ċertu Nazzareno Camilleri biex jieħu ħsieb l-istess xagħra iżda dan sab lill-konvenuti jippruvaw ikeċċuh u dana minkejja l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Awissu, 2001 (kopja Dok. "B");

Ukoll li ċertu Edgar Gatt, żewġ l-attriċi Diana Gatt, kien ukoll ta permess lil xi ħbieb tiegħu biex jidħlu fl-istess xagħra għal kaċċa u insib u peress illi dawna l-persuni ġew imkeċċija mill-konvenuti li saħansitra allegaw drittijiet proprjetarji fuq l-istess xagħra kif jidher mill-ittra mibgħuta għan-nom tagħhom mill-Avukat Dr. Toni Abela, datat 8 ta' Novembru, 2001, kopja esebita bħala Dok. "C" u li minkejja l-ittra ta' l-atturi ta' l-14 ta' Novembru, 2001 (kopja Dok. "D"), dawn il-konvenuti baqgħu jinsistu fuq l-allegati drittijiet proprjetarji tagħhom;

Illi l-atturi qed isofru danni minħabba l-pussess illegali tal-konvenuti;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex dina l-Qorti:

1. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti ma għandhomx titlu legali għall-okkupazzjoni tax-*Xagħra tal-Għattuka*, Binġemma, limiti Rabat, tordna l-iżgumbrament tagħhom minnha fi żmien qasir u perentorju;

2. Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta’ perit tekniku, id-danni dovuti lill-atturi minħabba l-okkupazzjoni llegali minnhom ta’ l-istess *Xagħra* b’effett mid-data li daħħlu, liema data tiġi stabbilita waqt it-trattazzjoni tal-kawża, sad-data ta’ l-effettiv rilaxx;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fil-25 ta’ Frar, 2002 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok ma huwiex ċar jekk l-atturi humiex qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni petitorja jew dik possessorja għaliex f’każ li qegħdin jeżerċitaw dik ta’ l-aħħar allura, hekk hija dik prospettata taħt l-Artiklu 534 tal-Kapitlu 16 hija palesament perenta peress li l-azzjoni ma saritx fiż-żmien hemm imsemmi. F’każ li hija dik prospettata mill-Artiklu 535 tal-Kapitlu 16, din hija wkoll palesament perenta għall-istess raġuni u kwindi l-eċċipjenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Illi jekk l-azzjoni hija l-*actio nei vendicatoria* kwindi petitorja, iċ-ċitazzjoni tippekka in kwantokke hija defiċjenti minn talba sostanzjali f’kawżi ta’ din ix-xorta u cioe’ dikjarazzjoni li l-proprjeta’ in kwistjoni hija proprjeta’ ta’ l-atturi. Allura anke hawn l-eċċipjenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit *dato ma non concesso*, li jiġu superati l-eċċezzjonijiet kollha preċedenti, l-atturi għandhom il-piż li jipprovaw permezz tal-*probatio diabolica* li huma l-proprjetarji ta’ l-art in kwistjoni, liema prova trid tissodifa l-kriterji kollha kif stabbiliti minn deċiżjoni ta’ dawn il-Qrati *in materia*. Fin-

nuqqas it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

4. Illi t-talbiet kif konfezzjonati huma insostenibbli ġuridikament peress li huma ma humiex jokkupaw mingħajr ebda titolu, peress li mingħajr titolu jimporta okkupazzjoni li sa mill-bidu nett ma kinitx akkonsentita mis-sid u għad-dirittura meħuda bi vjolenza u dan kif ġie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati fost oħrajn fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Pawlu Formosa pro et – Gianni Vella", Avviż numru 40/95 per Maġistrat Michael Mallia u konfermata fl-appell. Kwindi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fid-dawl tat-talbiet kif magħmula.

5. Illi finalment bla preġudizzju għas-sueċċepit fil-mertu jiġi dikjarat li hija assurda u esaġerata l-allegazzjoni ta' l-atturi li l-konvenuti qegħdin jivvantaw xi pretensjoni fuq 64 tomna raba'. Illi minn issa jiddikjaraw li l-pretensjonijiet tagħhom huma limitati għal ċirka tmien tomniet jew kejl verjuri, li ilhom okkupati minnhom b'titolu validu fil-liġi għal diversi snin u dan kif ser jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

6. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tagħha tas-17 ta' Ottubru, 2002 illi permezz tagħha ġiet respinta t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti.

Rat l-atti proċesswali komprizi r-rapporti tal-periti tekniċi u l-verbal tas-27 ta' Ġunju, 2007, u wara dak tas-17 ta' Ottubru, 2007, li permezz tagħhom il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu l-isgombrament tal-konvenuti mill-għalqa msemmija fiċ-ċitazzjoni minħabba li qed jallegaw li l-konvenuti qed jokkupawha mingħajr titolu.

Illi għalhekk fl-essenza tagħha din hija azzjoni rivendikatorja fejn l-attur jitlob li jintradd lura l-art in kwistjoni.

Hu risaput tradizzjonalment illi f'kawża simili l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu mingħajr ebda ombra ta' dubbju – ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell mogħtija fl-1958 fil-kawża fl-ismijiet Borg vs Buhagiar. F'dik il-kawża ntqal illi kwalunkwe dubbju għandu *jimmilita favur il-konvenut possessur.* Din hija biss eżempju għaliex hemm diversi sentenzi oħra simili. Wieħed jista' jsib rassenja dettaljata tagħhom fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Anthony Mercieca vs Anthony Buhagiar fit-23 ta' Ottubru, 2001. Fiha ġie ċitat ukoll l-awtur **Torrente** li qal hekk;

"*La rivendicazione e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si afferma propietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene. L'attore in ocnformita' delle regole generali, ha l'onere di dimostrare il suo diritto; percio' se l'acquisto non w'a titolo originario. Ha l'onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originale. A voler andare all'infinoto, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di probatio diabolica).*"

Fis-snin riċenti din il-pożizzjoni ċċaqalqet xi ftit tant illi l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijet John Vella et vs Sherlock Camilleri mogħtija fit-12 ta' Diċembru, 2002 adottat pożizzjoni kemmxejn differenti billi qalet illi "*Il-Qrati tagħna, konsapevoli bid-diffikolta' li ssir tali prova u fl-interess tal-ġustizzja aċċettaw il-possibilta' li l-attur jirnexxi fil-kawża li jagħmel in forza ta' l-actio publicana.*" Hekk fil-kawża Attard nomine vs Fenech deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-1875 (Vol VII p 390) osservat, "*Che l'azione intenta dell'atore nel suo libello quale procuratore dell'assente Angelo Zarb e' duplice, la rivendocaoria e la publicana, giusta i prinċipii della leggeromana; colla prima l'attore deve provare di aver il dominio della cosa che*

*vuole rivendicare; colla seconda di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu' debole del suo. Che e' ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare ed esercitare alternattivamente, nonostante che anche tendono allo stess oggetto.*" (Ara wkoll Fenech vs Debono – Prim'Awla 14 ta' Mejju, 1935).

Il-konvenuti da parti tagħhom qed jopponu din il-kawża biss fuq bażi legali u jidher mill-ewwel ċar li l-eċċezzjonijiet tagħhom huma lkoll infondati. Fil-verita' jidher ċar anke mid-deposizzjoni tal-konvenut Joseph Bonello li huwa okkupa l-art in kwistjoni mingħajr ebda titolu validu. L-atturi pprovaw li huma l-proprjetarji permezz tad-dokumenti esebiti a fol 163 *et sequitur*, minn fejn anke jirriżulta li huma ottjenew sentenza ta' żgumbrament mill-art in kwistjoni fil-konfront ta' Vincent Said, li jirriżulta li huwa ħaten il-konvenut Joseph Bonello, fit-23 ta' Frar, 2002. Fil-fatt anke dik is-sentenza kkonfermat li huma proprjetarji ta' l-art in kwistjoni u għalhekk fuq dik il-kwistjoni ġia' hemm ġudikat sija pure fil-konfront ta' terz u allura ma jikkonkorrux l-elementi ta' *res judicata*. Għandu jingħad ukoll li l-konvenut Joseph Bonello kien xehed f'dawk il-proċeduri iżda ma kienx intervjena fil-kawża.

Il-konvenut Joseph Bonello jgħid li huwa kien iħallas lill-imsemmi Said *xi ħaġa ta' l-ispejjeż.* Anke jekk dan kien il-każ ma jimporta ebda titolu. L-ewwel nett Said stess ma kellu ebda titolu, ħlief wieħed prekarju, kif ġia' ikkonfermat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża imsemmija u allura l-konvenut Joseph Bonello u anke uliedu qatt ma setgħu jivvantaw xi titolu ta' kera jew użu mingħandu. Il-Qorti ukoll hija tal-fehma ferma, anke wara li semgħet lill-konvenut Joseph Bonello jixhed in kontro-eżami, li hu kien ikun fl-għalqa għax kien iħallih jagħmel hekk Said u ċertament ma kienx jokkupaha b'xi titolu. Għalhekk huwa ċar għall-Qorti li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bonello għandhom kollha jiġu respinti u t-talba għall-iżgombrament tintlaqa'. Il-Qorti konvinta ukoll li l-atturi ma kinux jafu li l-konvenuti kienu qegħdin jippretendu titolu fuq l-għalqa sakemm il-konvenut Joseph Bonello irreżista li joħroġ wara li ġie żgumbrat ħatnu. Il-konvenuti għandhom raġun biss meta

eċċepixxew li huma kienu qed jippretendu titolu fuq tmint itmien u mhux fuq it-territorju kollu u għalhekk għandhom ikunu tenuti responsabbli biss għad-danni bl-okkupazzjoni llegali ta’ dawn it-tmint itmien.

Il-kawża ħadet ċertu tul minħabba l-kwistjoni tad-danni li qed jitolbu l-atturi u li minħabba fiha inħatar perit tekniku u sussegwentement periti addizjonali. Dawn ta’ l-aħħar ikkonkludew illi l-valur lokatizju ta’ l-art in kwistjoni hija ta’ mija u ħamsin Lira Maltin (Lm150) fis-sena għat-tomna art min-naħa tal-Lvant u mitejn Lira Maltin (Lm200) fis-sena min-naħa tal-Punent. Dan huwa ferm inqas minn dak il-valur li taha l-perit tekniku oriġinali. Il-Qorti tħoss li għandha tapplika l-prinċipju ġenerali li d-dubbju għandu jkun favur id-debitur u billi l-konvenuti fil-fatt okkupaw tmint itmien raba’ u mhux it-territorju kollu se takkorda danni ta’ mija u ħamsin Lira Maltin (Lm150) għal tmien darbiet u tillimitah għal perjodu ta’ ħames snin u dan kemm minħabba l-preskrizzjoni a tenur l-Artiklu 2156 (f) sollevat mill-konvenuti, iżda l-iktar għaliex l-atturi għamlu t-talba tagħhom fis-sena 2002 u għalhekk il-Qorti se tagħti l-benefiċċju tad-dubbju lill-konvenuti li sa dakinhar setgħu kienu *in bona fede*. Ċertament pero’ ma kinux *in bona fede* wara li ntalbu joħorġu mill-art in kwistjoni mill-atturi. Għalhekk dawn id-danni kif likwidati mill-Qorti, jammontaw għal sitt elef Lira Maltin (Lm6,000).

**Il-Qorti għalhekk fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti (eccetto tal-preskrizzjoni fir-rigward tad-danni sa fejn applikabbli u li huwa kien jokkupa parti mit-territorju u mhux kollu), tilqa’ t-talbiet attriċi u tordna lill-konvenuti jiżgombraw mill-art in kwistjoni fi żmien xahar u tikkundannahom iħallsu lill-atturi s-somma ta’ sitt elef Lira Maltin (Lm6,000). L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti iżda dawk tal-periti tekniċi kollha jkunu a kariku nofs għall-atturi u nofs għall-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------